MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Numru 75/2008

Il-Pulizija

(Spettur Josric Mifsud)

Vs

George Micallef, bin Laurence u Josephine nee’ Micallef imwieled fid-19 ta’ Mejju 1946, residenti fil-fond Il-Bejta Taghna, Triq San Pietru, Gharb, Ghawdex detentur tal-karta ta’l-identita bin-numru 47546(G)

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat George Micallef li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar il-04 ta’ Dicembru 2004 ghal habta ta’ 09:00hrs fi Triq l-Gharb, limiti tal-Gharb, Ghawdex:-

1. saq vettura Nru. IAW-529 b’manjiera traskurata u perikoluza (Art.15(1)(a)Kap.65).
2. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragini jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti habat ma’ vettura Nru. TDI-018 u involontarjament ikkagunalha hsarat b’detriment ghal Mary Vella mill-Gharb, Ghawdex (Art.328 Kap.9)
3. aktar talli b’kagun ta’ din il-kolluzzjoni b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragini jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, involontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Jimmy Piscopo u dana skond kif iccertifika Dr. Marvic Masini MD, feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Benjamin Joe Farrugia minn Nadur u skond kif iccertifika Dr. Joseph Rapa MD, u feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Richard Joseph Maurice Vella u dan skond ma’ iccertifika Dr. Joseph Rapa MD ta’l-Isptar Generali ta’ Ghawdex (Art 226(1)(e) Kap.9)
4. aktar talli fl-istess lok, hin u cirkustanzi, waqt li kien isuq vettura numru IAW-529 qasam il-linji bojod kontinwi (MVR Reg88). Rat id-dokumenti esebieti.

Rat in-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali tal-1 ta’ Dicembru 2010.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi s-sinistru stradali mertu tal-kawza sehh fit-triq principali li mir-Rabat tiehu lejn l-Gharb bejn il-vettura misjuqa mill-imputat vann pick-up bin-numru ta’ registrazzoni IAW-529 u dik misjuqa mill-parti leza Richard Joseph Maurice Vella tal-marka Escort bin-numru ta’ registrazzjoni TDI-018. Illi dina l-Qorti diga ghaddiet gudizzju in konnessjoni mar-responabbilta ghal dana is-sinistru stradali f’sentenza moghtija illum dwar l-istess mertu, il-Pulizija vs Richard Joseph Maurice Vella (Kumpilazzjoni numru 74/2008).

Ghaldaqstant a skans ta’ repetizzjoni il-Qorti qed taghmel referenza ghall-motivazzjonijiet migjuba fl-imsemmija sentenza, liema motivazzjonijiet ghalhekk ser jigu applikati ukoll ghal dana il-gudizzju.

Il-Qorti ghal motivi hemmhekk migjuba, ghalhekk, hija tal-fehma illi ghal dana is-sinistru stradali jahti unikament l-parti leza Richard Joseph Maurice Vella u mhux l-imputat, li minhabba l-ispeed eccessiv li kien ghaddej bih ma seta’ bl-ebda mod jevita l-impatt hekk kif induna tard wisq illi it-trakfiku gej mid-direzzjoni l-opposta kien qed jaqla’ xi ftit ‘l barra lejn il-linja kontinwa tan-nofs minhabba t-trukk li kien wieqaf mal-genb. Illi ghalkemm huwa fatt stabbilit mill-provi illi l-imputat kellu jaqla’ xi ftit ‘il barra minhabba dan it-trukk biex b’hekk saq fuq il-linji bojod kontinwi li jifirdu iz-zewg karreggjati minn xulxin, madanakollu ma hemmx provi fl-atti li jindikaw illi dana ghamlu b’imprudenza jew nuqqas ta’ kawtela. Fil-fatt mill-provi jirrizulta illi kien hemm vetturi qed jinsaqu quddiem dik ta’l-imputat li ghamlu l-istess bhalu u qalghu xi ftit ‘il barra hekk kif wasslu biswit dana it-trukk. Dana bl-ebda mod ma kien qed jostakola it-traffiku li kien gej fid-direzzjoni l-opposta billi it-triq hija bizzejjed wiesgha sabiex tippermetti it-traffiku ighaddi komodament ghalkemm kien hemm dana l-ostakolu fit-triq. B’sewqan prudenti da parti ta’l-utenti kollha tat-triq, it-trukk li kien wieqaf mal-genb tat-triq ma kien ser joffri l-ebda periklu jew impediment sabiex it-traffiku jibqa’ ghaddej komodament. Kien ghalhekk l-ispeed eccessiv tal-parti leza Vella li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa’ sejjer dritt ghal fuq it-traffiku li kien qed jaghmel dina il-manuvra.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi u ghal motivi indikati fis-sentenza iccitata u deciza illum fl-ismijiet il-Pulizija vs Richard Maurice Joseph Vella, l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------